Aħdem 1

Missieri _pparkja l-karozza eżatt quddiem Kastilja għax hu _nzerta l-karozza tal-Prim Ministru tielqa. Bqajna skantati malli _ndunajna li xi turisti _ngliżi bdew jiġbdu ritratti kemm jifilħu ta' kull wieħed minna. Ħasbuniex _l-familja tar-reġina, qal ħija. Aħna ma flaħniex _nweġbuh.

Aħdem 2

Il-batteriji _żati nistgħu nġemmgħuhom _ meta jkollna partita minnhom _mmorru għand tal-ħanut għax _kollu kontenitur apposta għalihom. _l-kuxjenza _mbjentali qiegħda tikber _ fil-fatt _l-Maltin qed jgħixu _ħjar.

Aħdem 3

Min jaħqar l-annimali qed jagħmel xi ħaġa _llegali. _llum għandna liġi kontra l-moħqrija tal-annimali. Min jiggosta lil min jikser din _l-liġi jkun qed _ġib ruħu ta' persuna _rresponsabbli.

Tiswija 1

Missieri pparkja l-karozza eżatt quddiem Kastilja għax hu inzerta l-karozza tal-Prim Ministru tielqa. Bqajna skantati malli indunajna li xi turisti Ingliżi bdew jiġbdu ritratti kemm jifilħu ta' kull wieħed minna. Ħasbuniex il-familja tar-reġina, qal ħija. Aħna ma flaħniex inweġbuh.

Tiswija 2

Il-batteriji użati nistgħu nġemmgħuhom u meta jkollna partita minnhom immorru għand tal-ħanut għax ikollu kontenitur apposta għalihom. Il-kuxjenza ambjentali qiegħda tikber u fil-fatt il-Maltin qed jgħixu aħjar.

Tiswija 3

Min jaħqar l-annimali qed jagħmel xi ħaġa illegali. Illum għandna liġi kontra l-moħqrija tal-annimali. Min jiggosta lil min jikser din il-liġi jkun qed iġib ruħu ta' persuna irresponsabbli.